MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1496/2010

**Charles Sammut
I.D.648756(M)**

**vs**

**Angela Woodford
I.D.48641(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-intimata tigi kundanata thallas is-somma ta' mitejn u erba' Ewro u hamsa u sittin centezmu (€204.65), rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha w konsenjata lilha.

Illi l-intimata hallset b'zewg cheques liema cheques gew returned to drawwer.

Bl-imghax u bl-ispejjez tal-presentati, kontra l-intimata lli giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u erba’ Ewro u hamsa u sittin centezmu (€204.65), rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha w konsenjata lilha, bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------